# Tintemm b'suċċess it-tieni edizzjoni tal-ġibda tal-ajruplan DHL Express għall-Istrina

Iktar minn 220 ruħ inġabru nhar id-19 ta' Marzu, 2015 (festa pubblika), għall-ġibda tal-ajruplan DHL Express għall-Istrina. Tnax-il tim ingħaqdu fil-Park tal-Avjazzjoni f'Ħal Safi biex jipprovaw jiġbdu l-ajruplan Boeing 757-200 Special Freighter, li jiżen 60 tunnellata, distanza ta' 20 metru kull darba. L-ajruplan kien wasal iktar kmieni bit-tagħbija tas-soltu ta' pakketti u dokumenti għall-klijenti ta' DHL Express.

Fost l-impjegati ta' numru ta' kumpaniji li marru kien hemm dawk ta' FTIAS Back Office Services, Technoline, il-Bank Ċentrali ta' Malta, 42 Marketing, GO plc, Ganado & Associates, MedServ, V. Spiteri & Sons u DHL Express infushom. Kien hemm ukoll voluntiera minn numru ta' assoċjazzjonijiet lokali, fosthom Phoenix SC, li organizzaw l-avveniment flimkien ma' DHL Express, l-iScouts ta' Tas-Sliema, Forge Cross Fit, MCS Malta u l-Malta Drug-Free Power Lifting Association.

Il-voluntiera kollha taw €10 kull wieħed, li se jingħataw bħala donazzjoni lill-Istrina. L-għan kien li jinġabru iktar flus mis-sena l-oħra, meta s-somma telgħet għal €1,500.

Biex tirrikonoxxi l-isforz tagħhom, il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, marret biex tirringrazzja l-voluntiera personalment u biex tara persuna waħda, Tony Farrugia, jagħmel tentattiv biex jiġbed l-ajruplan waħdu, li iżda ma rnexxietx.

Ġie miżmum il-ħin tal-isforz ta' kull grupp. L-aħjar ħin tal-ġurnata kienet dik tat-23 raġel minn V. Spiteri & Sons li koprew l-20 metru f'19.84 sekondi. Fit-tieni post kien hemm il-grupp ta' DHL Express b'20.31 sekondi u warajhom kien hemm dak tal-MedServ b'20.69 sekondi.

Żewġ inġiniera kienu fuq il-post biex jassiguraw li kollox ikun sikur u li kulħadd ikun jista' jiddeverti: Bill Simmonds kien fil-cockpit tal-ajruplan u Gordon Tilley kien fuq l-art. Il-magni tal-ajruplan kienu mixgħula l-ħin kollu u Tilley kien f'kuntatt permezz tal-awdjo ma' Simmonds biex jassigura li l-brejkijiet jiġu applikati fi tmiem kull tentattiv.

Charles Schiavone, Maniġer of DHL Express Malta, qal: "Din it-tieni edizzjoni tal-Ġibda tal-Ajruplan DHL Express mill-ġdid kien suċċess. Li tirniexxilek tiġbed ajruplan meta tkun membru ta' tim m'hix faċli u nammira dawk kollha li ġew biex jirbħu din l-isfida.

Permezz tat-*team spirit* u l-għaqda fost kull grupp kollha ġibdu l-ajruplan b'suċċess. Iż-żjara tal-President Marie-Louise Coleiro Preca kien ta' unur kbir u ta' inkoraġġiment għal kulħadd li kien involut."

Orlando Bonnici, President tal-Phoenix Sports Club, li mill-ġdid għenu biex organizzaw l-avveniment u qagħdu ħdejn il-gate, jibgħatu gruppi ta' xi 20 membru kull wieħed, ukoll wera s-sodisfazzjon tiegħu li kollox mexa skont il-pjan: "Din is-sena kellna d-doppju bħala numru ta' timijiet milli kellna s-sena l-oħra. Peress li l-gruppi kienu iżgħar, in-numru attwali kien bejn wieħed u ieħor l-istess tas-sena l-oħra. Nirringrazzja l-pubbliku li ġie biex jagħti l-appoġġ tiegħu għal dan l-avveniment uniku u, mill-ġdid, ninsabu kuntenti li ħdimna bi sħab ma' DHL Express biex niġbru fondi għall-Istrina."

DHL Express ilhom joperaw Malta mill-1983. Bħal issa jimpjegaw iktar minn 50 ruħ bejn nies li jaħdmu full time u part time, li jaqdu lista sħiħa ta' klijenti lokali u internazzjonali. Joperaw minn ċentru dedikat tal-loġistika fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

DHL, li hi parti minn Deutsche Post DHL, għandhom network mifrux mad-dinja kollha f'iktar minn 220 pajjiż u territorju u xi 315,000 impjegat li joffru l-klijenti kwalità ta' servizz superjuri u għarfien lokali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom għall-katina ta' provvista.

Il-Phoenix Sports Club twaqqaf fl-2010 u illum joffri atleti l-opportunità jipprattikaw numru ta' dixxiplini sportivi, fosthom handball, basketball, volleyball, floorball u table tennis. Jieħdu ħsieb tfal minn 8 snin sa adulti li għalqu kważi 40 sena.

**– Tmiem –**

**Captions:**




Il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, intlaqgħet minn Charles Schiavone, il-Maniġer ta' DHL Express f'Malta, waqt it-tieni edizzjoni tal-Ġibda tal-Ajruplan DHL Express fil-Park tal-Avjazzjoni f'Ħal Safi nhar id-19 ta' Marzu, 2015



Wieħed mit-12-il grupp, magħmul minn impjegati ta' Ganado & Associates u l-Phoenix Sport Club waqt it-tentattiv tagħhom biex jiġbdu l-ajruplan Boeing 757-200 Special Freighter tad-DHL Express, bit-Titanium Man Jacob Borg, li fieq mill-kanċer, fuq quddiem




**It-tim ta' DHL Express ta' Malta jiċċelebraw wara li ġibdu l-ajruplan DHL Express b'suċċess**



**Il-President Coleiro Preca mat-tim ta' V. Spiteri & Sons, li għamlu l-aħjar ħin tal-ġurnata ta' 19.84 sekondi**

**Media contacts:**

**DHL Express – Malta Media Relations**
Malcolm J Naudi
Malcolm J Naudi Communications
Tel.: +356 2137-0495; +356 9990-0207
E-mail: info@mjncommunications.com

**DHL** – The Logistics company for the world

DHL is the global market leader in the logistics industry and “The Logistics company for the world”. DHL commits its expertise in international express, air and ocean freight, road and rail transportation, contract logistics and international mail services to its customers.
A global network composed of more than 220 countries and territories and about 315,000 employees worldwide offers customers superior service quality and local knowledge to satisfy their supply chain requirements. DHL accepts its social responsibility by supporting environmental protection, disaster management and education.
DHL Express was set up as a wholly owned subsidiary in Malta in 1983. It has 52 employees and operates from a dedicated logistics centre at Malta International Airport.

DHL is part of Deutsche Post DHL. The Group generated revenue of more than €55 billion in 2013.

For more information: www.dp-dhl.com

On the internet: www.dpdhl.com/press

Follow us: www.twitter.com/DeutschePostDHL